**66. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**GĦOTI TA' UŻU TA' L-ISKOLA TA' VERDALA LIL "READING AND BATES DRILLING COMPANY"**

Billi, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta sejjer jidħol fi ftehim mal-Kumpanija Amerikana "Reading and Bates Drilling Company" biex titwaqqaf skola internazzjonali fuq is-sistema Amerikana għat-tfal ta' familji barranin u għat-tfal Maltin, u għal dan il-għan bi ħsiebu jagħti lill-istess Reading and Bates l-użu tal-iskola ta' Verdala bħala parti mill-Ftehim li abbozz tiegħu tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub li l-istess skola u artijiet li jmissu magħha jingħataw għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministratta minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment tal-iskola u artijiet fuq imsemmija jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-iskola ta' Verdala u l-artijiet imsemmija jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija kumpannija Reading and Bates Drilling Company għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

08.07.1977